MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Numru 650/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**JOSIANNE FENECH**
**MARIANNA CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josianne Fenech, mart Albert Ronnie u bint Francis Camilleri u Mary imwielda Ellul, imwielda tal-Pieta' fl-14/09/1975 u toqghod "Thanks Dad", Triq ic-Cinju, Mosta, I.D.497575(M)

U

Marianna Camilleri, bint Emanuel Ellul u Giuseppa mwielda Attard, mwielda B'Kara fil-11/03/1951, u toqghod 41, "Casa Sta Terezina", Triq il-Muzika, Iklin. I.D. 274051(M).

Akkuzati talli fl-20 ta' April, 2007 ghall-habta tas-1.30pm., waqt li kienu gewwa l-Mosta, kkagunaw hsara voluntarja fuq karozza li ggib numru HAP-323 t'ghamla Fiat Punto, liema hsara taccedi LM50 izda' nqas minn LM500 u dan ghad-dannu ta' Joseph Pirotta mill-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, kisru l-paci pubblika bl-ghajjat u l-glied u talli kkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Giovanna Pirotta u Nadia Pirotta u dan skond ma' kif iccertifika t-tabib Dr Michael Farrugia M.D. U aktar talli heddew u nsultaw lill-istess Giovanna Pirotta u Nadia Pirotta bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Pirotta, Giovanna Pirotta u Nadia Pirotta jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PB3 (Ara fol. 6 tal-Process) u nnutat li l-imputati Josianne Fenech u Marianna Camilleri m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Dwar l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati, liema akkuza tirrigwarda r-reat kontemplat fis-subartikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza giet sodisfacentement ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati.

F'dan ir-rigward il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta' Giovanna Pirotta li fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007 inter alia, qalet:

"....................................................." "Imbaghad Marianna Camilleri qaltli jekk jiena ma kontx ser inehhi l-karozza minn hemmhekk kienet ser tkissirili. Tenut kont is-sitwazzjoni li kienet ahna ovvjament ma konniex ser nohorgu barra dak il-hin. Imbaghad Marianna Camilleri infexxet taghti bil-ponn fuq il-vettura taghna li hija registration number HAP123." "..........................................." "Imbaghad nghid ukoll illi anke l-imputata l-ohra Josianne Fenech bdiet taghti fuq il-karozza taghna." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni ta' Nadia Pirotta li fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007, inter alia, qalet:

"...................................................." "U f'daqqa wahda kemm hi kif ukoll anke bintha Josianne Fenech u cioe' allura qed nirreferi ghaz-zewg imputati bdew jaghtu kemm jifilhu fuq il-karozza taghna u bdew iduru maghha." "..................."
"Imbaghad ahna hrigna biex naraw xi hsara kellha l-vettura u bdejna ninnutaw illi kien hemm il-bonett mghaffeg, mudguard mghaffeg, u kien hemm ukoll grif man-naha ta' wara tal-vettura. Qeghda nigi murija ritratti esebiti bhala dok GP1 sa dok GP 14 u nikkonferma li dawna r-ritratti li juru l-vettura taghna u l-hsarat li kien hemm fuq il-vettura." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra ticcita d-deposizzjoni ta' Tyron Demanuele li fis-Seduta tal-14 ta' Settembru, 2007, qal:

"Jiena Manager mal-Kumpanija ta' l-Assigurazzjoni Gasan Mamo. Qed nigi muri dokument dok PB 6. Nikkonferma li din hija stima rigwardanti l-hsarat tal-vettura registration number HAP 323 tal-ghamla Fiat Punto. Nghid qieghed nesebixxi bhala dok TD 1 stima tal-vettura u dokumentazzjoni relatata rigwardanti l-vettura li semmejt u nghid illi t-total li hallset l-insurance huwa two hundred

and ninety six pounds eight nine cents (Lm296.89c) less twenty nine pounds u fifty cents li jirrigwardjaw loss of use li dana fil-fatt ma giex effetwat il-pagament. Ghalhekk l-ammont huma mitejn sitta u disghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm 296.89c) u minnhom ghandu jinaqqas id-disgha u ghoxrin lira u hamsin centezmi (Lm 29.50c) rigwardanti loss of use li ma kienx sehh pagament dwaru. Nghid illi nikkonferma illi kellu jhallas excess sid il-vettura ta' mitt lira u presa u poco dwar kemm toghlielu imbaghad l-hlas li jkollu hu lil insurance kull sena toghlielu disgha u sittin lira Maltin."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-imputata Josianne Fenech li fis-Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010, inter alia, qalet:

"......................................................" " Nghid illi s-sitwazzjoni kienet b'tali mod illi jiena ma kontx naf ezatt x'kien qieghed jigri ghaliex bejn il-gbid tax-xaghar u glied li kien hemm, jiena naf li spiccajt li kelli ninzel l-agenba u lqatt il-karozza ta' Giovanna Pirotta." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess imputata fl-istess Seduta, inter alia, qalet:

"......................................................, jiena waqt din il-glieda jiena spiccajt li waqajt fuq il-vettura tat-tip Fiat Punto li naf li tapparjeni lill-familja Pirotta." "......................................................" "Jiena spiccajt allura waqt li kienu qeghdin jigbduni minn xaghari spiccajt illi jiena allura kelli nitbaxxa l-agenba u lqatt il-vettura illi semmejt." "......................................................" "Nghid illi jiena meta spiccajt hbatt mal-karozza tal-parte civile, hbatt mal-parti tal-madgard li tahtha jkun hemm ir-rota u allura ma' fuq il-parti ta' fuq ir-rota." (Sottolinjar tal-Qorti).

Meta wiehed jara n-natura tal-hsarat tal-vettura li ghandha n-numru ta' Registrazzjoni HAP-323, (Ara Ritratti esebiti bhala minn Dok GP 1 sa Dok GP 14, fejn uhud minn dawn ir-ritratti juru b'mod car tali hsarat) dana jiskredita il-versjonijiet hawn fuq citati mid-deposizzjoni u mill-kontro-

ezami rispettivament tal-imputata Josianne Fenech ta' kif sehhet il-hsara fuq il-vettura msemmija.

Apparti l-fatt li skond dak li qalet l-imsemmija imputata ta' kif sehhet il-hsara kellu jirrizulta li l-hsara tkun limitata ghal parti wahda tal-imsemmija vettura u cioe' fil-mudguard u mill-provi prodotti jirrizulta li l-imsemmija vettura kellha danni f'diversi partijiet tal-vettura u ukoll inverosimili li billi l-imputata Josianne Fenech, skond hi, laqtet il-mudguard, ikkagunat l-entita' tal-hsara fuq tali mudguard. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghar-ritratti esebiti rispettivament bhala Dok GP 1 u Dok GP 2. Difatti l-imsemmija hsara fuq il-mudguard hija kompattibbli ma' daqqiet fuq il-mudguard u mhux ma persuna li laqtet il-mudguard.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li dak li xehdu Giovanna Pirotta u Nadia Pirotta nkwantu l-hsarat fuq l-imsemmija vettura, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, hu aktar verosimili.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati liema akkuza tikkontempla r-reat ta' natura kontravenzjonali li jinkwadra ruhu fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, ex officio, tiddikjara li din l-akkuza fil-konfront taz-zewg imputati hi preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali skond l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita bran mill-kontro-ezami tal-Ispettur Paul Bond li fis-Seduta tal-14 ta' Settembru, 2007, inter alia, qal:

"........................................................." " Nikkonferma li t-tahrika li tirrigwarda l-kaz odjern giet iffirmata minni fil-31 ta' Lulju tas-sena 2007. Jiena qed jigi sottomess mid-Difiza li allura r-reat ta' ksur ta' paci pubblika huwa preskritt u jiena nghid illi effettivament ir-reat ta' ksur ta' paci pubblika huwa preskritt."

Il-Qorti tirrileva li skond it-Tahrika, ir-reati kontemplati fl-akkuzi migjuba kontra l-imputati sehhew fl-20 ta' April, 2007, mentri l-Ispettur Paul Bond xehed li hu iffirma t-

Tahrika li tirrigwarda l-kaz odjern fil-31 ta' Lulju tas-sena 2007. Dan voldieri bi trapass ta' oltre il-perijodu ta' tlett (3) xhur.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputati liema akkuza tikkontempla r-reat ta' natura kontravenzjonali li jinkwadra ruhu fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, ex officio, tiddikjara li din l-akkuza fil-konfront taz-zewg imputati hi preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali skond l-artikolu 688 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti hawn tirreferi ghal dak li qalet rigward it-tieni akkuza riportat aktar qabel f'din is-Sentenza.

Dwar it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputati liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati.
Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Giovanna Pirotta li fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007, inter alia, qalet:

"..................................................." "Nghid minhabba l-istat ta' ansjeta' li kellna ahna morna ghand it-tabib u mbaghad ahna fil-fatt inghatajna certifikat mediku kemm ghaliha, kemm ghal binti Nadia Pirotta li ghaddejnihom lil Pulizija."

Rigward ic-certifikati medici li gew esebiti fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007 minn Giovanna Pirotta rispettivament bhala Dok GP 18, Dok GP 19 u Dok GP 20, il-vera kopja tac-certifikat mediku esebit bhala Dok GP 18 u li jirrigwarda lill-Nadia Pirotta jghid: "Dan biex niccertifika li l-imsemmija qed tbghati minn ansjeta wara l-incident li ghaddiet minnu aktar kmieni wara nofsinhar" u hu datat 20/4/07. Nkwantu ghall-vera kopja tac-certifikat mediku esebit bhala Dok GP 19 li jirrigwarda lil Jane Pirotta fih l-istess konkluzzjoni bhala Dok G 18 u rigward il-vera kopja tac-certifikat mediku esebit bhala Dok GP 20 li jirrigwarda lill-Pirotta Nadine fih bhala konkluzzjoni "Anxiety".

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-dawl tas-suespost issib lill-imputati Josianne Fenech u Marianna Camilleri hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tillibera lill-istess Josianne Fenech u Marianna Camilleri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tieni akkuza fil-konfront tal-imsemmija imputati liema akkuza tikkontempla reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta u kif ukoll rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputati liema akkuza tikkontempla r-reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak li l-Qorti qalet rigward dawn iz-zewg akkuzi riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-imputati Josianne Fenech u Marianna Camilleri mill-imsemmija tieni akkuza u raba' akkuza stante li dawn iz-zewg akkuzi huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali skond l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputati liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl tas-suespost, tillibera lill-istess zewg imputati minn din it-tielet akkuza stante li mhux sufficjentement ippruvata.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Josianne Fenech u Marianna Camilleri b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 500 kull wahda li jzommu l-kwiet ma' Joseph Pirotta, Giovanna Pirotta u Nadia Pirotta ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Josianne Fenech u Marianna Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------